



Brussell, 22 ta' April 2025  
(OR. fr)

7387/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0047(NLE)

---

---

PECHE 75

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:           REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029)

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-Protokoll  
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija  
fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju  
u l-Komunità Ewropea (2025-2029)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 242/2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea<sup>1</sup> (il-“Ftehim”). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2008.
- (2) L-aħħar Protokoll li jimplementa l-Ftehim skada fil-31 ta' Lulju 2024.
- (3) Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (il-“Kosta tal-Avorju”) bl-għan li jiġi stabbilit Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar, fil-21 ta' Novembru 2024, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) (il-“Protokoll”).
- (4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... il-Kunsill<sup>2+</sup>, il-Protokoll ġie ffirmat fi ...<sup>++</sup>, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'dak aktar tard.

---

<sup>1</sup> ĠU L 75, 18.3.2008, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/242/oj>.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) (ĠU L, ..., ELI: ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test, in-numru tad-deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 7375/25 u imla n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

- (5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokatu fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-aktar fis possibbli minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
- (7) Il-Protokoll se jibda japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikunu jistgħu jtkomplew l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik l-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) għandhom jiġu allokat i fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) 25 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja: 14-il bastiment

Franza: 11-il bastiment;

(b) 7 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ:

Spanja: 5 bastimenti

Il-Portugall: 2 bastimenti.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ...<sup>+</sup>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 7042/25.